ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 140

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

27 ta' Mejju 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom** 1

★ **Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro** ................. 11

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 472/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Mejju 2013

## dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(6) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġislattiva ([2]),

Billi:

(1) Il-kriżi globali mingħajr preċedenti li laqtet lid-dinja sa mill-2007 iddanneġġat gravement it-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà finanzjarja u wasslet għal deterjorament qawwi fid-defiċit tal-gvern u l-pożizzjoni tad-dejn tal-Istati Membri, li wasslet lil uħud minnhom biex ifittxu assistenza finanzjarja fi ħdan u barra l-qafas tal-Unjoni.

(2) L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, meta tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' okkupazzjoni, il-garanzija ta' ħarsien soċjali adegwat, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

(3) Il-konsistenza sħiħa bejn il-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-Unjoni stabbilit mit-TFUE u l-kundizzjonijiet ta' politika possibbli marbuta mal-assistenza finanzjarja għandhom jiġu minquxa fid-dritt tal-Unjoni. L-integrazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri kollha, partikolarment ta' dawk li l-munita tagħhom tkun l-euro, teħtieġ tisħiħ tas-sorveljanza biex jiġi pprevenut kontaġju minn Stat Membru li jkun qed jesperjenza jew ikun mhedded minn diffikultajiet fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tiegħu għall-bqija taż-żona tal-euro u, b'mod usa', għall-Unjoni b'mod ġenerali.

(4) L-intensità tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja għanda tikkommensura mal-gravità tad-diffikultajiet finanzjarji eventwali u b'mod proporzjonat għaliha u għandha tqis in-natura tal-assistenza finanzjarja rċevuta, li tista' tkun minn sempliċiment sostenn prekawzjonarju msejjes fuq kundizzjonijiet għall-eliġibilità sa programm ta' aġġustament makroekonomiku sħiħ, li jinvolvi kundizzjonalità stretta ta' politika. Kwalunkwe programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-programm ta' riforma nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-Istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

(5) Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro għandu jkun soġġett għal sorveljanza msaħħa taħt dan ir-Regolament meta jesperjenza jew ikun mhedded minn diffikultajiet finanzjarji gravi, bil-ħsieb li jiġi żgurat treġġigħ lura malajr għan-normalità u li jiġu protetti l-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro kontra riperkussjonijiet potenzjalment negattivi. Din is-sorveljanza msaħħa għandha tkun proporzjonata għall-gravità tal-problemi u għandha tiġi aġġustata skont dan. Għandha tinkludi aċċess usa' għall-informazzjoni meħtieġa għal monitoraġġ metikoluż tas-sitwazzjoni ekonomika, fiskali u finanzjarja u rapportar regolari lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) jew lil kwalunkwe sottokumitat li jista' jinħatar

([1]) ĠU C 141, 17.5.2012, p. 7.
([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2013 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013.

mill-KEF għal dak l-iskop. L-istess arranġamenti ta' sorveljanza għandhom japplikaw għall-Istati Membri li jitolbu assistenza prekawzjonarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM), mill-Mekkaniżmu ta' Stabbiltà Finanzjarja (MES), mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), jew minn istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra bħall-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).

(6) Stat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa għandu jadotta wkoll miżuri bl-għan li jindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet tiegħu. Għal dak l-għan, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet kollha indirizzati lilu matul proċedura ta' defiċit eċċessiv jew fi proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku eċċessiv.

(7) Is-sorveljanza ekonomika u baġitarja għandha tiġu rinfurzata sew għall-Istati Membri suġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku. Minħabba n-natura komprensiva ta' dan tal-aħħar, il-proċessi l-oħra ta' sorveljanza ekonomika u baġitarja għandhom jiġu sospiżi jew, meta jkun xieraq, simplifikati matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza tas-sorveljanza tal-politika ekonomika u li tiġi evitata dupplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar. Madankollu, meta jkun qed jitħejja l-programm ta' aġġustament makroekonomiku, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet kollha li ġew indirizzati lill-Istat Membru matul proċedura ta' defiċit eċċessiv jew fi proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku eċċessiv.

(8) L-isfida preżenti minħabba l-frodi u l-evażjoni tat-taxxi żdiedet b'mod konsiderevoli. Il-globalizzazzjoni tal-ekonomija, l-iżviluppi teknoloġiċi, l-internalizzazzjoni tal-frodi u l-interdipendenza li tirriżulta tal-Istati Membri juru l-limiti ta' approċċi strettament nazzjonali u jsaħħu l-bżonn għal azzjoni konġunta.

(9) Il-problemi preżenti minħabba l-frodi u l-evażjoni tat-taxxi fi Stati Membri suġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom jiġu trattati billi jitjieb il-ġbir tad-dħul f'dawk l-Istati Membri u tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tad-dħul fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.

(10) Għandhom jiġu stabbiliti regoli sabiex jittejjeb id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, partikolarment il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u jiġu żgurati trasparenza u responsabilità pubblika akbar. Il-parlament tal-Istat Membru li jkun suġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku jew għal sorveljanza msaħħa għandu jinżamm informat f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali.

(11) L-Istati Membri, f'konformità mar-regoli u l-prattika nazzjonali, għandhom jinvolvu lis-sħab soċjali kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' assistenza finanzjarja.

(12) Qabel ma tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill rigward programm ta' aġġustament makroekonomiku skont dan ir-Regolament, il-korpi rilevanti tal-MES u tal-EFSF għandu jkollhom l-opportunità li jkollhom diskussjoni dwar ir-riżultat tan-negozjati bejn il-Kummissjoni – li taġixxi f'isem il-MES jew l-EFSF, flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), u fejn ikun xieraq, mal-FMI – u l-Istat Membru benefiċjarju dwar il-kundizzjonijiet ta' politika possibbli marbuta mal-assistenza finanzjarja ta' dak l-Istat Membru. Għandhom jiġu adottati memoranda ta' ftehim li jagħtu kondizzjonijiet dettaljati għall-għoti ta' assistenza finanzjarja skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-Ftehim ta' Qafas EFSF.

(13) Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, ir-referenzi għall-assistenza finanzjarja f'dan ir-Regolament għandhom ikopru wkoll l-appoġġ finanzjarju mogħti fuq bażi ta' prekawzjoni u self għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

(14) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tqiegħed Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament għandha titties f'kooperazzjoni mill-qrib mal-, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] (flimkien imsejħin l-'ASE') u l-Korp Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [4]. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera wkoll mal-KEF biex tiddeċiedi jekk għandhiex ittawwal is-sorveljanza msaħħa.

(1) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
(2) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.
(3) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
(4) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

(15) Wara talba motivata mill-Istat Membru kkonċernat jew, fejn adatt, għal raġunijiet ta' ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda li jitnaqqas jew jiġi kkanċellat kwalunkwe depożitu li jħalli imgħax, depożitu li ma jħallix imgħax jew multa imposti mill-Kunsill fil-qafas tal-parti preventiva jew korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għal Stat Membru soġġett għall-programm ta' aġġustament makroekonomiku.

(16) L-aċċess għal informazzjoni dwar il-ħidma preparatorju magħmul waqt it-tħejjija tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun soġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([1]).

(17) Meta tittieħed deċiżjoni skont dan ir-Regolament li Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti li jinsabu fil-programm tiegħu ta' aġġustament makroekonomiku, u l-avvenimenti u l-analiżi juru b'mod ċar li mekkaniżmu huwa bżonnjuż biex jiġi żgurat ir-rispett tal-obbligi lejn il-kredituri u l-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tiegħu, il-Kummissjoni mitluba tagħmel proposti għal tali mekkaniżmu.

(18) Għandhom jiġu konferiti fuq il-Kunsill is-setgħa li jiġu adottati rakkomandazzjonijiet dwar l-adozzjoni ta' miżuri korrettivi prekawzjonarji u dwar il-preparazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku; is-setgħa biex jiġu approvati l-programmi ta' aġġustament makroekonomiċi; is-setgħa biex jiġu adottati deċiżjonijiet dwar ir-rekwiżiti ta' politika ewlenin li l-MES jew l-EFSF bi ħsiebhom jinkludu fil-kundizzjonalità għall-assistenza finanzjarja mogħtija fuq bażi prekawzjonarja, self magħmul għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji jew fi kwalunkwe strument finanzjarju ġdid fil-qafas tal-MES; u s-setgħa li tiġi rakkomandata l-adozzjoni ta' miżuri korrettivi għal Stati Membri taħt sorveljanza ta' wara l-programm. Dawk is-setgħat huma ta' rilevanza partikolari għall-politika ta' koordinazzjoni ekonomika ta' Stati Membri, li skont l-Artikolu 121 TFUE għandhom isiru fil-Kunsill.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro, fejn dawk l-Istati Membri:

(a) jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom jew għas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi tagħhom, li jwasslu għal riperkussjonijiet potenzjalment negattivi lejn Stati Membri oħra fiż-żona tal-euro; jew

(b) jitolbu jew jirċievu assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSM), mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), mill-Faċilità Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), jew minn xi istituzzjoni finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra, bħalma hu l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għal koordinazzjoni tal-politika ekonomika msaħħa.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

4. Matul l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom josservaw bis-sħiħ l-Artikolu 152 TFUE. Meta japplikaw dan ir-Regolament u r-rakkomandazzjonijiet adottati skontu, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-regoli u l-prattika nazzjonali u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u ta' dawk ir-Rakkomandazzjonijiet ma taffettwax id-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet kollettivi jew li tittieħed azzjoni kollettiva skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 2*

**Stati Membri taħt sorveljanza msaħħa**

1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tqiegħed taħt sorveljanza msaħħa Stat Membru li jkun qed jesperjenza jew ikun mhedded minn diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tiegħu li x'aktarx ikollhom riperkussjonijiet negattivi fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro.

Meta tivvaluta jekk Stat Membru huwiex mhedded b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tiegħu, il-Kummissjoni għandha tuża, fost parametri oħrajn, il-mekkaniżmu ta' twissija stabbilit taħt l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]) jew, fejn ikun disponibbli, l-aktar rieżami dettaljat reċenti. Il-Kummissjoni għandha wkoll twettaq valutazzjoni komprensiva, waqt li tqis, b'mod partikolari, il-kondizzjonijiet ta' self ta' dak l-Istat Membru, il-profil tal-ħlas lura tal-obbligi ta' dejn tiegħu, ir-robustezza tal-qafas baġitarju tiegħu, is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tiegħu, l-importanza tal-piż tad-dejn tiegħu u r-riskju ta' kontaġju minn tensjonijiet serji fis-settur finanzjarju tiegħu fuq is-sitwazzjoni baġitarja tiegħu jew fuq is-settur finanzjarju ta' Stati Membri oħra.

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jesprimi l-opinjoni tiegħu qabel il-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni tagħha li tqiegħed lil dak l-Istat Membru taħt sorveljanza msaħħa. Kull sitt xhur, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk ittawwalx is-sorveljanza msaħħa fuq dak l-Istat Membru.

2. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tpoġġi Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa skont il-paragrafu 1, għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar ir-riżultati kollha tal-valutazzjoni u għandha tinnotifika lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-kapaċità tiegħu ta' superviżur, lill-ASEs rilevanti u lill-BERS skont il-każ.

3. Meta Stat Membru jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, mill-EFSF jew minn kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI, il-Kummissjoni għandha tpoġġi lil dak l-Istat Membru taħt sorveljanza msaħħa.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika kull deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 1 u skont dan il-paragrafu.

4. Il-paragrafu 3 m'għandux japplika għal Stat Membru li jirċievi assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonali fil-forma ta' linja ta' kreditu, li ma tkunx soġġetta għall-adozzjoni ta' provvedimenti ġodda ta' politika mill-Istat Membru kkonċernat, sakemm il-linja ta' kreditu ma tkunx ġiet prelevata.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, għal finijiet ta' informazzjoni, lista tal-istrumenti li jipprovdu assistenza finanzjarja prekawzjonarja kif imsemmi fil-paragrafu 3 u għandha żżommha aġġornata sabiex tibqa' tikkunsidra l-bidliet possibbli fil-politika tas-sostenn finanzjarju tal-EFSM, il-MES, l-EFSF jew ta' xi istituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra.

*Artikolu 3*

**Sorveljanza msaħħa**

1. Stat Membru suġġett għal sorveljanza msaħħa għandu, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mal-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-BĊE, l-ASEs, il-BERS u, fejn ikun xieraq, il-FMI, jadotta miżuri mmirati lejn l-indirizzar tas-sorsi jew sorsi potenzjali tad-diffikultajiet. Meta jagħmel dan, l-Istat Membru għandu jqis kwalunkwe rakkomandazzjoni indirizzata lilu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika [1], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv [2], jew ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, rigward, inter alia, il-programmi ta' riforma nazzjonali tiegħu u l-programmi ta' stabbiltà tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, lill-KEF, lill-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-euro, u lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat, fejn ikun rilevanti u f'konformità mal-prattika nazzjonali, dwar dawk il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni fiskali stipulat fl-Artikolu 10(2), (3) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 21 ta' Mejju 2013 [dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro] [3] għandu japplika għal Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa, irrispettivament mill-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'dak l-Istat Membru. Ir-rapport magħmul skont l-Artikolu 10(3) ta' dak ir-Regolament għandu jiġi sottomess fuq bażi trimestrali.

3. Fuq talba mill-Kummissjoni, Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa, skont l-Artikolu 2(1), għandu:

(a) jikkomunika lill-BĊE, fil-kapaċità superviżorja tiegħu, u, fejn ikun xieraq, lill-ASEs rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, skont il-frekwenza mitluba, informazzjoni diżaggregata dwar l-iżviluppi fis-sistema finanzjarja tiegħu, inklużi analiżi tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' kwalunkwe test tal-istress jew l-analiżi tas-sensittività mwettqa, skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-ASE(s) rilevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżijiet tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u l-BĊE b'koordinazzjoni mal-ASEs rilevanti u l-BERS;

(c) ikun meħtieġ li jippreżenta valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur finanzjarju fil-qafas tar-rieżami bejn il-pari speċifika mwettqa mill-BĊE, fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew fejn ikun xieraq mill-ASEs rilevanti;

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

[2] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[3] Ara paġna 11 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(d) jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-iżbilanċi makroekonomiċi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

Abbażi tal-analiżi tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' test tal-istress u l-analiżi tas-sensittività msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, u billi jitqiesu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-indikaturi rilevanti tal-iskorbord għall-iżbilanċi makroekonomiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-BĊE, fil-kapaċità superviżorja tiegħu, u l-ASEs rilevanti għandhom iħejju, b'koordinazzjoni mal-BERS, valutazzjoni tal-vulnerabilitajiet potenzjali tas-sistema finanzjarja u għandhom jibagħtu dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni skont il-frekwenza indikata minn din tal-aħħar, u lill-BĊE.

4. Fuq talba mill-Kummissjoni, Stat Membru taħt sorveljanza msaħħa, skont l-Artikolu 2(3), għandu:

(a) jikkomunika lill-Kummissjoni, lill-BĊE, u fejn ikun xieraq lill-ASEs rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, skont il-frekwenza mitluba, informazzjoni diżaggregata dwar l-iżviluppi fis-sistema finanzjarja tiegħu, inklużi analiżi tar-riżultati ta' kwalunkwe eżerċizzju ta' test tal-istress jew l-analiżi tas-sensittività mwettqa skont il-punt (b);

(b) iwettaq, taħt is-superviżjoni tal-BĊE fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew, fejn ikun xieraq, taħt is-superviżjoni tal-ASEs rilevanti, eżerċizzji ta' test tal-istress jew analiżi tas-sensittività, kif meħtieġ, biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tas-settur finanzjarju għal xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji varji, kif speċifikat mill-Kummissjoni u l-BĊE, b'koordinazzjoni mal-ASEs rilevanti u mal-BERS, u jaqsam ir-riżultati dettaljati magħhom;

(c) ikun meħtieġ jippreżenta valutazzjonijiet regolari tal-kapaċitajiet superviżorji tiegħu fuq is-settur finanzjarju fil-qafas tar-rieżami bejn il-pari speċifika mwettqa mill-BĊE, fil-kapaċità superviżorja tiegħu, jew, fejn xieraq, mill-ASEs rilevanti;

(d) jikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni li hemm bżonn biex ikunu sorveljati l-iżbilanċi makroekonomiċi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

Il-Kummissjoni, il-BĊE, u l-ASEs rilevanti għandhom iżommu kwalunkwe informazzjoni diżaggregata mibgħuta lilhom bħala kunfidenzjali.

5. Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-BĊE u mal-ASEs rilevanti u, meta jkun xieraq, mal-FMI, għandha twettaq missjonijiet regolari ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza msaħħa biex tivverifika l-progress li jsir minn dak l-Istat Membru fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

Kull trimestru l-Kummissjoni għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u lill-KEF. F'dik il-valutazzjoni hija għandha teżamina, b'mod partikolari, jekk jeħtiġx miżuri ulterjuri.

Il-missjonijiet ta' rieżami msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jissostitwixxu l-monitoraġġ fuq il-post previst fl-Artikolu 10a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

6. Meta titħejja l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis ir-riżultati ta' kwalunkwe rieżami dettaljat possibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, inkluża l-evalwazzjoni ta' riperkussjonijiet tal-politiki ekonomiċi nazzjonali fuq l-Istat Membru soġġett għal sorveljanza msaħħa, f'konformità mal-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.

7. Fejn Il-Kummissjoni tikkonkludi li, abbażi tal-missjonijiet ta' rieżami previsti fil-paragrafu 5, jeħtieġ aktar miżuri u li s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tal-Istat Membru kkonċernat ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro jew tal-Istati Membri tagħha, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jirrakkomanda lill-Istat Membru kkonċernat li jadotta miżuri korrettivi ta' prekawzjoni jew li jħejji abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku.

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jippubblika r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

8. Fejn rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 ssir pubblika:

(a) il-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet;

(b) ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jistgħu jiġu mistiedna mill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet;

(c) il-Kunsill għandu jinforma fil-ħin dovut lill-kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew dwar il-kontenut tar-rakkomandazzjoni.

9. Matul il-proċess ta' sorveljanza msaħħa, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u l-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jistiednu rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-BĊE u tal-FMI biex jipparteċipaw fi djalogu ekonomiku.

*Artikolu 4*

**Rappurtaġġ fil-każ ta' appoġġ finanzjarju għall-kapitalizzazzjoni mill-ġdid ta' istituzzjonijiet finanzjarji**

Stati Membri suġġetti għal sorveljanza msaħħa jew għal programm ta' aġġustament makroekonomiku li jirċievu assistenza finanzjarja għall-kapitalizzazzjoni mill-ġdid tal-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom għandhom jirrappurtaw darbtejn fis-sena lill-KEF dwar il-kondizzjonijiet imposti fuq dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi l-kondizzjonijiet relatati mar- rimunerazzjoni eżekuttiva. Dawk l-Istati Membri għandhom ukoll jirrappurtaw dwar il-kondizzjonijiet ta' kreditu offerti mis-settur finanzjarju lill-ekonomija reali.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni dwar talbiet għall-assistenza finanzjarja previsti**

Stat Membru li jkun biħsiebu jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi, mill-MES, mill-EFSF jew minn instituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI għandu jinforma immedjatament lill-President tal-Grupp ta' Ħidma tal-grupp tal-euro, lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u lill-President tal-BĊE bl-intenzjoni tiegħu.

Wara li jkun irċieva valutazzjoni mill-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma tal-Eurogrupp għandu jorganizza diskussjoni dwar din it-talba maħsuba, bil-ħsieb li jeżamina, fost affarijiet oħra, il-possibbiltajiet disponibbli taħt strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni jew taż-żona tal-euro qabel ma l-Istat Membru kkonċernat jindirizza lis-selliefa potenzjali.

Stat Membru li jkun biħsiebu jitlob assistenza finanzjarja mill-EFSM għandu jinforma immedjatament lill-President tal-KEF, lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi u Monetarji u lill-President tal-BĊE bl-intenzjoni tiegħu.

*Artikolu 6*

**L-evalwazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern**

Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja mill-EFSM, mill-MES jew mill-EFSF, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'koordinazzjoni mal-BĊE u kull fejn possibbli, mal-FMI, is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern ta' dak l-Istat Membru u l-ħtiġijiet finanzjarji proprji jew potenzjali tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dik il-valutazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-grupp tal-euro jekk l-assistenza finanzjarja għandha tingħata skont il-MES jew l-EFSF, u lill-KEF jekk l-assistenza finanzjarja għandha tingħata skont l-EFSM.

Il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun ibbażata fuq l-aktar xenarju makroekonomiku possibbli jew xenarju aktar prudenti u previżjonijiet baġitarji li jużaw l-aktar informazzjoni aġġornata u filwaqt li jitqies kif dovut l-eżitu tar-rapport imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(3) kif ukoll kwalunkwe kompitu superviżorju eżerċitat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 3(3). Il-Kummissjoni għandha wkoll tivvaluta l-impatt tax-xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji u l-iżviluppi negattivi fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubbliku x-xenarju makroekonomiku, inklużi x-xenarju tat-tkabbir, il-parametri rilevanti li fuqhom tkun imsejsa l-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern tal-Istat Membru kkonċernat, u l-impatt stmat tal-miżuri baġitarji aggregati fuq it-tkabbir ekonomiku.

*Artikolu 7*

**Programm ta' aġġustament makroekonomiku**

1. Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, mill-EFSF jew mill-FMI huwa għandu jipprepara bi qbil mal-Kummissjoni, li taġixxi b'koordinazzjoni mal-BĊE u, meta jkun xieraq, mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li għandu jibni fuq u jissostitwixxi kwalunkwe programm ta' sħubija ekonomika skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 u li għandu wkoll jinkludi miri baġitarji annwali.

L-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jindirizza r-riskji speċifiċi li joħorġu minn dak l-Istat Membru għall-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro u għandu jimmira li jirristabbilixxi malajr sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba u sostenibbli u tiġi restawrata l-kapaċità tal-Istat Membru li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ.

L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jkun ibbażat fuq il-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern imsemmi fl-Artikolu 6, li għandha tkun aġġornata biex tinkorpora l-impatt tal-abbozz tal-miżuri korrettivi nnegozjati mill-Istat Membru kkonċernat, u għandu jqis kif xieraq kwalunkwe rakkomandazzjoni ▌ indirizzata lil dak l-Istat Membru skont l-Artikoli 121, 126, 136 jew 148 TFUE u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma ma' tali rakkomandazzjoni,filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-miżuri ta' politika meħtieġa.

L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis il-prattika u l-istituzzjonijiet għall-formazzjonijiet tal-pagi u l-programm ta' riforma nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat fil-kuntest tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu josserva bis-sħiħ l-Artikolu 152 TFUE u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tinforma bil-fomm lill-President u l-Viċi President tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar il-progress li sar fit-tħejjija tal-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu japprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku mħejji mill-Istat Membru li jitlob għal assistenza finanzjarja skont il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' ftehim iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES jew l-EFSF ikun għalkollox konsistenti mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura fil-proċess ta' sorveljanza ekonomika u baġitarja fir-rigward ta' Stat Membru li jkun għaddej minn programm ta' aġġustament makroekonomiku sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar.

4. Il-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-BĊE, u fejn rilevanti, mal-FMI, għandha timmonitorja l-progress li jsir minn Stat Membru fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-KEF b'tali progress kull tliet xhur. L-Istat Membru kkonċernat għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni u mal-BĊE. Partikolarment għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-BĊE bl-informazzjoni kollha li jqisu neċessarja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku f'konformità mal-Artikolu 3(4).

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf bil-fomm lill-President u lill-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew bil-konklużjonijiet misluta mill-monitoraġġ tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Din l-informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali.

5. Il-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-BĊE u kull meta jkun xieraq mal-FMI, għandha teżamina mal-Istat Membru kkonċernat il-bidliet u l-aġġornamenti li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu sabiex tikkunsidra sew, inter alia, kull nuqqas sinifikanti bejn il-previżjonijiet makroekonomiċi u ċ-ċifri realizzati, inklużi konsegwenzi possibbli li jirriżultaw mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku, riperkussjonijiet negattivi kif ukoll xokkijiet makroekonomiċi u finanzjarji. Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe bidla li trid issir f'dak il-programm.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jekk jiħux il-miżuri neċessarji kollha biex jistieden lill-investituri privati biex iżommu l-iskopertura totali tagħhom fuq bażi volontarja.

7. Fejn il-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 4 jiżvela devjazzjonijiet sinifikanti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku ta' Stat Membru, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' politika inklużi fil-programm tiegħu. Il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha, għandha tivvaluta b'mod espliċitu jekk din id-devjazzjoni sinifikanti tkunx dovuta għal raġunijiet li ma jkunux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat.

L-isforzi ta' konsolidazzjoni baġitarja stabbiliti fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom iqisu l-bżonnijiet għall-iżgurar ta' mezzi suffiċjenti għal politiki fundamentali bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

Meta tittieħed deċiżjoni skont dan il-paragrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u b'koordinazzjoni mal-BĊE u fejn ikun xieraq mal-FMI, jieħu miżuri bil-għan li jistabbilizza s-swieq u jżomm il-funzjonament tajjeb tas-settur finanzjarju tiegħu.

8. Stat Membru soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku li jesperjenzja kapaċità amministrattiva insuffiċjenti jew problemi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament tiegħu għandu jfittex assistenza teknika mill-Kummissjoni, li għal dak l-għan tista' tikkostitwixxi gruppi ta' esperti magħmul minn membri minn Stati Membri oħrajn u minn istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni jew minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti. L-objettivi u l-mezzi tal-assistenza teknika għandhom jiġu enfasizzati b'mod espliċitu fil-verżjonijiet aġġornati tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku u jiffukaw fuq oqsma fejn jiġu identifikati bżonnijiet ewlenin. Assistenza teknika tista' tinkludi l-istabbiliment ta' persunal rappreżentattiv u ta' sostenn residenti biex jagħti pariri lill-awtoritajiet dwar l-implimentazzjoni tal-programm.

Il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jsir pubbliku, inklużi l-objettivi tiegħu u d-distribuzzjoni mistennija tal-isforz ta' aġġustament.

Il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern għandha tkun annessa mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.

9. Stat Membru li jkun soġġett għall-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jwettaq awditjar komprensiv tal-finanzi pubbliċi tiegħu sabiex, inter alia, jwettaq valutazzjoni tar-raġunijiet li wasslu għall-bini ta' livelli eċċessivi ta' dejn kif ukoll biex isegwi kwalunkwe irregolarità possibbli.

10. Il-Kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.

11. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jistgħu jiġu mistiedna mill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat biex jipparteċipaw fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu.

12. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal strumenti li jagħtu assistenza finanzjarja fuq bażi prekawzjonarja, għal self li jsir għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, jew għal kwalunkwe strument finanzjarju ġdid tal-MES li għaliha r-regoli tal-MES ma jipprovdux programm ta' aġġustament makroekonomiku.

Għal raġunijiet ta' informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista tal-istrumenti ta' assistenza finanzjarja imsemmija fl-ewwel subparagrafu kkonċernati u għandha żżommha aġġornata biex tqis il-bidliet possibbli fil-politika ta' sostenn finanzjarju tal-MES.

Rigward dawk l-istrumenti, il-Kunsill,waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu, b'deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat, japprova r-rekwiżiti ta' politika ewlenin, li l-MES jew l-EFSF bihsiebu jinkludi fil-kundizzjonalità għas-sostenn finanzjarju tiegħu, sat-tali punt li l-kontenut ta' dawk il-miżuri jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni kif stipulat fit-Trattati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' ftehim iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES jew l-EFSF ikun għal kollox konsistenti ma' din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Involviment tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili**

Meta jhejji l-abbozzi ta' programmi ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu, l-Istat Membru għandu jfittex l-opinjonijiet tas-sħab soċjali kif ukoll ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, bil-għan li jikkontribwixxi għat-tkattir ta' qbil dwar il-kontenut tiegħu.

*Artikolu 9*

**Miżuri biex jissalvagwardjaw id-dħul mit-taxxi**

Stat Membru għandu, fejn meħtieġ, jieħu miżuri f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u b'koordinazzjoni mal-BĊE, u fejn ikun xieraq l-FMI, bil-għan li jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tal-kapaċità tal-ġbir tad-dħul u l-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxi, bil-għan li jiżdied id-dħul fiskali tiegħu.

*Artikolu 10*

**Konsistenza mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**

1. Meta Stat Membru huwa soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku u l-bidliet fih skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jkun eżenti milli jippreżenta programm ta' stabbiltà taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, u għandu jintegra l-kontenut ta' tali programm ta' stabbilità fil-programm tiegħu ta' aġġustament makroekonomiku.

2. Meta Stat Membru soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku jkun is-suġġett ukoll ta' rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew ta' deċiżjoni li jagħti avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE għall-korrezzjoni ta' defiċit eċċessiv:

(a) huwa għandu jkun eżenti milli jippreżenta, kif adatt, ir-rapporti skont l-Artikolu 3(4a) u l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97;

(b) il-miri baġitarji annwali f'kull programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom jiġu integrati fir-rakkomandazzjoni jew id-deċiżjoni li jagħti avviż, rispettivament taħt l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 u, fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun suġġett għal deċiżjoni li jagħti avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, il-miżuri li jwasslu għal dawk il-miri fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandhom ikunu integrati fid-deċiżjoni li jagħti avviż skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97;

(c) fir-rigward tal-monitoraġġ previst fl-Artikolu 7(4) ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jiġi eżenti mill-monitoraġġ skont l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 u l-monitoraġġ sottostanti għal kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikoli 4(2) u l-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 1176/2011**

Meta Stat Membru ikun suġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 m'għandux japplika għal dak l-Istat Membri matul dak il-programm, ħlief għall-fatt li l-indikaturi fl-iskorbord stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għandhom jiġu integrati fil-monitoraġġ ta' dak il-programm.

*Artikolu 12*

**Konsistenza mas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika**

Meta Stat Membru ikun suġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, huwa għandu jkun eżenti mill-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika skont l-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 matul dak il-programm.

*Artikolu 13*

**Konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 473/2013**

Meta Stat Membru ikun suġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku, ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 m'għandux japplika għal dak l-Istat Membru matul dak il-programm, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 1 sa 5 u 13 sa 18 ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Sorveljanza wara l-programm**

1. Stat Membru għandu jkun taħt sorveljanza ta' wara l-programm sakemm minimu ta' 75 % tal-assistenza finanzjarja mogħtija minn wieħed jew iżjed mill-Istati Membri l-oħra, mill-EFSM, mill-MES jew mill-EFSF ma tkunx tħallset lura. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jestendi t-tul tas-sorveljanza ta' wara l-programm fil-każ ta' riskji persistenti għall-istabbiltà finanzjarja jew is-sostenibilità fiskali tal-Istat Membru kkonċernat. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, b'maġġoranza kwalifikata, li jirrifjutaha fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

2. Fuq talba mill-Kummissjoni, Stat Membru li jkun taħt sorveljanza ta' wara l-programm għandu jkun konformi mar-rekwiżiti taħt l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament u għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, b'koordinazzjoni mal-BĊE, missjonijiet regolari ta' rieżami fl-Istat Membru taħt sorveljanza ta' wara l-programm biex tivvaluta l-qagħda finanzjarja, ekonomika u fiskali tiegħu. Kull sitt xhur, hi għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, lill-KEF u lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat, u għandha tivvaluta b'mod partikolari jekk jeħtiġux miżuri korrettivi.

Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li jkun sar taħt is-sorveljanza ta' wara l-programm.

4. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jirrakkomanda lill-Istat Membru taħt sorveljanza ta' wara l-programm biex jadotta miżuri korrettivi. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, b'maġġoranza kwalifikata, li jirrifjutaha fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

5. Il-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jista' jistieden lir-rappreżentanti tal-Kummissjoni biex tipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-monitoraġġ ta' wara l-programm.

*Artikolu 15*

**Votazzjoni fil-Kunsill**

Għall-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament, għandhom jivvotaw biss il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u l-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jqis il-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru kkonċernat.

Maġġoranza kkwalifikata tal-membri tal-Kunsill imsemmija fl-ewwel paragrafu għandha tiġi kkalkulata skont l-Artikolu 238(3)(a) TFUE.

*Artikolu 16*

**Applikazzjoni lil Stati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja**

L-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja fi 30 ta' Mejju 2013 għandhom ikunu suġġetti għal dan ir-Regolament minn dik id-data.

*Artikolu 17*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

Minkejja l-Artikolu 14, l-Istati Membri li jkunu taħt sorveljanza ta' wara l-programm fi 30 ta' Mejju 2013, għandhom ikun suġġetti għar-regoli, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri ta' sorveljanza ta' wara l-programm applikabbli għall-assistenza finanzjarja li minnha qed jibbenefikaw.

*Artikolu 18*

**Tagħrif lill-Parlament Ewropew**

Il-Parlament Ewropew jista' jistieden rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal djalogu dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

**Rapporti**

Sal-1 ta' Jannar 2014, u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien ma', jekk ikun xieraq, proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak ir-rapport pubbliku.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:

(a) l-effikaċja ta' dan ir-Regolament;

(b) il-progress fl-iżgurar ta' koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza kontinwa fil-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri skont it-TFUE;

(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Mejju 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | L. CREIGHTON |

# REGOLAMENT (UE) Nru 473/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Mejju 2013

## dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136 flimkien mal-Artikolu 121(6) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jesiġi li l-Istati Membri jqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni, li l-politiki baġitarji tagħhom ikunu ggwidati mill-ħtieġa għal finanzi pubbliċi sodi u li l-politiki ekonomiċi tagħhom ma jirriskjawx li jpoġġu fil-periklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandu l-għan li jiżgura d-dixxiplina baġitarja madwar l-Unjoni u jfassal il-qafas għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' defiċits eċċessivi tal-gvernijiet. Dan huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli b'saħħtu bbażat fuq stabbiltà finanzjarja, u b'hekk tiġi appoġġata l-kisba tal-objettivi tal-Unjoni għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jinkludi s-sistema ta' sorveljanza multilaterali stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([3]) kif ukoll il-proċedura għall-prevenzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-Gvern stabbilita fl-Artikolu 126 TFUE u speċifikata ulterjorment fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([4]). Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir issaħħaħ ulterjorment permezz tar-Regolamenti (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 ([6]). Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro ([7]) żied sistema ta' mekkaniżmi ta' infurzar effettiva, preventiva u gradwali fil-forma ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet kontra l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(3) It-tisħiħ tal-emendi għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tejjeb il-gwida pprovduta lill-Istati Membri f'termini ta' tfassil ta' politika fiskali prudenti, u, għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, irrinforza u għamel aktar awtomatiku l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità mat-tfassil tal-politika fiskali prudenti, sabiex jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvernijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet ħolqu qafas aktar komprensiv.

(4) Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjoni ekonomika tal-Istati Membri, is-Semestru Ewropew, kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Is-Semestru Ewropew jinkludi l-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida ġenerali tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (il-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika) f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE; il-formulazzjoni, u l-eżami tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 148(2) TFUE (linji gwida dwar l-impjiegi); il-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tal-programmi ta' stabbiltà jew konverġenza tal-Istati Membri skont dak ir-Regolament; il-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' riforma tal-Istati Membri li jappoġġaw l-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi u li ġew stabbiliti b'konformità mal-linji gwida ġenerali, mal-linji gwida dwar l-impjiegi u

([1]) ĠU C 141, 17.5.2012, p. 7.
([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2013 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013.
([3]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([4]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
([5]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12.
([6]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33.
([7]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1.

mal-linji gwida ġenerali għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni (l-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir) u mill-Kunsill Ewropew fil-bidu taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza; u s-sorveljenza biex jiġu preklużi u korretti l-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([1]). Fejn opportun, opinjonijiet maħruġa fil-kuntest ta' programm ta' sħubija ekonomika, kif stabbilit b'dan ir-Regolament, għandhom jitqiesu wkoll.

(5) Biex jgħin lill-Unjoni toħroġ aktar b'saħħitha, kemm internament kif ukoll fil-livell internazzjonali, billi tingħata spinta qawwija lill-kompetittività, it-tkabbir potenzjali, il-koeżjoni soċjali u l-konverġenza ekonomika, il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010, adotta strateġija ġdida tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi li fiha wkoll objettivi fl-oqsma tal-faqar, l-edukazzjoni, l-innovazzjoni u l-ambjent.

(6) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, it-TFUE jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi fiż-żona tal-euro li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri kollha biex jissaħħu l-koordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina baġitarja tagħhom. Din il-koordinazzjoni u din is-sorveljanza msaħħa għandhom ikunu akkompanjati minn involviment fl-istess miżura tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, kif ikun xieraq. Fejn xieraq u meħtieġ għandu jsir użu attiv tal-miżuri speċifiċi li huma previsti fl-Artikolu 136 TFUE.

(7) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tosserva bis-sħiħ l-Artikolu 152 TFUE, u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-prattika u l-istituzzjonijiet nazzjonali għall-formazzjoni tal-pagi. Dan ir-Regolament jikkunsidra l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod korrispondenti ma jaffettwax id-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi jew jinforza ftehimiet kollettivi u li jieħu azzjoni kollettiva skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali.

(8) L-Artikolu 9 TFUE jipprovdi li, meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti konnessi mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija tal-protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-eskluzjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

(9) Sorveljanza u koordinazzjoni msaħħa gradwalment, kif stipulat f'dan ir-Regolament, se jikkompletaw ulterjorment is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, se jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u jsaħħu s-sorveljanza tal-politiki baġitarji u ekonomiċi fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Proċedura ta' monitoraġġ imsaħħa gradwalment għandha tikkontribwixxi għal eżiti baġitarji u ekonomiċi aħjar, solidità makrofinanzjarja u konverġenza ekonomika, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro. Bħala parti minn proċedura msaħħa gradwalment, monitoraġġ aktar mill-qrib huwa partikolarment ta' valur għall-Istati Membri li jkunu soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv.

(10) Previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji preġudikati u mhux realistiċi jistgħu jfixklu konsiderevolment l-effikaċja tal-ippjanar baġitarju u konsegwentement ixekklu l-impenn favur id-dixxiplina baġitarja. Previżjonijiet makroekonomiċi mhux preġudikati u realistiċi jistgħu jingħataw minn korpi indipendenti jew korpi li jgawdu awtonomija funzjonali fir-rigward tal-awtoritajiet baġitarji ta' Stat Membru u li jistrieħu fuq dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jiżguraw livell għoli ta' awtonomija u responsabilità funzjonali. Tali previżjonijiet għandhom jintużaw tul il-proċedura baġitarja kollha.

(11) Finanzi pubbliċi f'saħħithom jiġu żgurati l-aħjar fl-istadju tal-ippjanar u l-iżbalji grassi għandhom jiġu identifikati kmieni kemm jista' jkun. L-Istati Membri għandhom jibbenefikaw mhux biss minn l-iffissar ta' prinċipji ta' gwida u miri baġitarji imma wkoll minn monitoraġġ sinkronizzat tal-politiki baġitarji tagħhom.

(12) L-istipular ta' skeda ta' żmien baġitarja komuni għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandu jissinkronizza aħjar il-passi ewlenin fit-tħejjija tal-baġits nazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxi favur l-effikaċja tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan għandu jwassal għal sinerġiji aktar b'saħħithom billi tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-politika fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u billi jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jiġu integrati kif xieraq fil-proċedura baġitarja tal-Istati Membri. Dik il-proċedura għandha tkun konsistenti mal-qafas għall-koordinazzjoni ekonomika u politika fil-kuntest taċ-ċiklu annwali tas-sorveljanza, li jinkludi, b'mod partikolari, il-gwida ġenerali għall-istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew fil-bidu taċ-ċiklu. Il-politiki baġitarji tal-Istati Membri għandhom ikunu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u, fejn opportun, ma' rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanja, inkluża l-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, u ma' opinjonijiet dwar il-programmi ta' sħubija ekonomika, kif stabbiliti b'dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(13) Bħala l-ewwel pass ta' dik l-iskeda ta' żmien baġitarja komuni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu pubbliku l-pjan fiskali nazzjonali ta' terminu ta' żmien medju fl-istess ħin mal-programmi ta' stabbiltà tagħhom preferibbilment sal-15 ta' April u mhux aktar tard mit-30 ta' April. Dawk il-pjani fiskali għandhom jinkludu indikazzjonijiet dwar kif ir-riformi u l-miżuri stipulati huma mistennija jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri u l-impenji nazzjonali stabbiliti fil-qafas tal-istrateġija tal-Unjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Il-pjan fiskali nazzjonali ta' terminu medju u l-programm ta' stabbiltà jistgħu jkunu l-istess dokument.

(14) Stadju importanti ta' dik l-iskeda ta' żmien baġitarja komuni għandu jkun il-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' baġit tal-gvern ċentrali sal-15 ta' Ottubru. Peress li l-konformità mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandha tiġi żgurata fil-livell tal-amministrazzjoni pubblika u l-kisba tal-objettivi baġitarji teħtieġ ibbaġitjar konsistenti fost is-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika, il-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' baġit tal-gvern ċentrali għandha tkun akkumpanjata bil-pubblikazzjoni tal-parametri prinċipali tal-abbozz ta' baġits tas-sottosetturi l-oħra kollha tal-amministrazzjoni pubblika. Tali parametri għandhom jinkludu, b'mod partikolari, r-riżultati tal-baġit proġettati tas-sottosetturi l-oħra, is-suppożizzjonijiet prinċipali sottostanti ta' dawn il-projezzjonijiet u r-raġunijiet għat-tibdiliet mistennija fir-rigward tas-suppożizzjonijiet għall-programm ta' sStabbiltà.

(15) L-iskeda ta' żmien baġitarja komuni tipprevedi wkoll li l-baġit għandu jiġi adottat jew stipulat annwalment sal-31 ta' Diċembru flimkien mal-paramentri baġitarji prinċipali aġġornati għas-sottosetturi l-oħra tal-amministrazzjoni pubblika. Fejn, għal raġunijiet oġġettivi barra mill-kontroll tal-gvern, il-baġit ma jiġix adottat sal-31 ta' Diċembru, għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri ta' baġit reviżjonarji biex jiġi żgurat li l-gvern ikun għadu kapaċi jwettaq id-dmirijiet essenzjali tiegħu. Tali arranġamenti jistgħu jinkludu pereżempju l-implimentazzjoni tal-abbozz ta' baġit tal-gvern, tal-baġit approvat tas-sena ta' qabel, jew ta' miżuri speċifiċi approvati mill-parlament.

(16) Bil-għan li jkun hemm koordinazzjoni aħjar tal-ippjanar tal-ħruġ tad-dejn nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ex ante dwar il-pjani tal-ħruġ tad-dejn pubbliku tagħhom lill-Grupp tal-euro u lill-Kummissjoni.

(17) Ir-rispett ta' oqfsa fiskali effettivi bbażati fuq regoli jistgħu jkunu importanti fl-appoġġ ta' politiki fiskali tajba u sostenibbli. Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri ([1]) stabbiliet li l-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli fiskali numeriċi speċifiċi skont il-pajjiż għandu jkun appoġġat fil-livell nazzjonali minn korpi indipendenti jew korpi li jgawdu awtonomija funzjonali. Huwa importanti li jiġi nnutat li minħabba d-diversità ta' arranġamenti potenzjali u eżistenti, filwaqt li ma tkunx l-alternattiva preferita, għandu jkun permess li wieħed ikollu iktar minn korp indipendenti wieħed li jieħu ħsieb il-monitoraġġ tal-konformità ma' dawk ir-regoli, sakemm ikun hemm allokazzjoni ċara tar-responsabilità u sakemm ma jkunx hemm irduppjar ta' kompetenzi dwar aspetti speċifiċi tal-monitoraġġ. Frammentazzjoni istituzzjonali eċċessiva tal-kompiti ta' monitoraġġ għandha tiġi evitata. Sabiex il-korpi ta' monitoraġġ jissodisfaw il-mandat tagħhom b'mod effikaċi, id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jiżguraw livell għoli ta' awtonomija u responsabilità funzjonali għandhom ikunu fil-bażi ta' tali korpi. Fit-tfassil ta' dawk il-korpi ta' monitoraġġ għandhom jiġu kkunsidrati s-sitwazzjoni istituzzjonali eżistenti u l-istruttura amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat. Partikolament, għandu jkun possibbli li korp adegwat ta' istituzzjoni eżistenti jingħata awtonomija funzjonali, sakemm tali korp ikun maħtur biex iwettaq il-kompiti ta' monitoraġġ speċifiċi, ikollu reġim statutorju distint u jkun konformi mal-prinċipji l-oħrajn imsemmijin f'din il-premessa.

(18) Dan ir-Regolament ma jinponix fuq l-Istati Membri rekwiżiti jew obbligi addizzjonali fir-rigward ta' regoli fiskali numeriċi speċifiċi skont il-pajjiż li jeżistu fil-liġi tal-Unjoni. Regoli fiskali numeriċi speċifiċi għall-pajjiż li jkunu b'saħħithom u konsistenti mal-objettivi baġitarji fil-livell tal-Unjoni u sorveljati minn korpi indipendenti jikkostitwixxu pilastru importanti tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja msaħħa tal-Unjoni. Ir-regoli li dawk il-korpi għandhom jirrispettaw, u l-kompiti speċifiċi tagħhom, huma stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(19) L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma partikolarment suġġetti għal effetti sekondarji mill-politika baġitarja ta' xulxin. L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkonsultaw lill-Kummissjoni u lil xulxin qabel ma jadottaw kwalunkwe pjan maġġuri ta' riforma fil-politika fiskali b'effetti sekondarji potenzjali, sabiex jippermettu l-possibilità ta' valutazzjoni tal-impatt possibbli fuq iż-żona tal-euro b'mod ġenerali. Huma għandhom iqisu wkoll l-pjani baġitarji tagħhom bħala ta' interess komuni u jippreżentawhom lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' monitoraġġ qabel il-pjani isiru vinkolanti. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tipproponi linji gwida fil-forma ta' qafas armonizzat għall-ispeċifikazzjoni tal-kontenut tal-abbozz tal-pjani baġitarji.

(20) Fil-każijiet eċċezzjonali fejn, wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tidentifika fl-abbozz ta' pjan baġitarju nuqqas ta' konformità serju mal-obbligi tal-politika baġitarja stabbiliti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kummissjoni, fl-opinjoni tagħha dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju, għandha titlob abbozz ta' pjan baġitarju rivedut, skont dan ir-Regolament. Dan se

([1]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.

jkun il-każ b'mod partikolari fejn l-implimentazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju tpoġġi l-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat f'riskju jew tirriskja li tpoġġi f'periklu l-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew fejn l-implimentazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju tinvolvi ksur sinifikanti u ovvju tar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(21) L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju għandha tiġi adottata malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Novembru, filwaqt li jiġu kkunsidrati, sa fejn dan ikun possibbli, l-iskeda fiskali nazzjonali u l-proċeduri parlamentari, sabiex jiġi żgurat li l-gwida fil-linji politiċi tal-Unjoni fil-qasam baġitarju tkun tista' tiġi integrata adegwatament fil-preparazzjonijiet baġitarji nazzjonali. Partikolarment, l-opinjoni għandha tinkludi valutazzjoni dwar jekk il-pjani baġitarji jindirizzawx adegwatament ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fil-qasam baġitarju. Fuq talba tal-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tkun lesta li tippreżenta l-opinjoni tagħha lill-Parlament li jagħmel it-talba, wara li tkun ġiet magħmula pubblika. L-Istati Membri huma mistiedna jqisu, fil-proċess tal-adozzjoni tal-liġi tal-baġit tagħhom, l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tagħhom.

(22) Il-punt sa fejn din l-opinjoni tkun tqieset fil-liġi tal-baġit ta' Stat Membru għandu jkun parti mill-valutazzjoni, jekk u meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet, u dan iwassal għal deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat. F'każ tali, in-nuqqas ta' segwitu tal-gwida bikrija mill-Kummissjoni għandu jitqies bħala fattur aggravanti.

(23) Barra minn hekk, abbażi tal-valutazzjoni kumplessiva tal-abbozzi tal-pjani baġitarji min-naħa tal-Kummissjoni, il-Grupp tal-euro għandu jiddiskuti s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro b'mod ġenerali.

(24) L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li huma soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv għandhom jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib, biex tiġi żgurata korrezzjoni sħiħa, sostenibbli u fil-ħin tad-defiċit eċċessiv. Monitoraġġ aktar mill-qrib permezz ta' rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali, għandu jiżgura l-prevenzjoni u l-korrezzjoni bikrija ta' kwalunkwe devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv. Tali monitoraġġ għandu jikkomplimenta d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1467/97. Dawk ir-rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali għandhom ikunu proporzjonati għall-istadju tal-proċedura li għalih ikun soġġett l-Istat Membru, kif previst fl-Artikolu 126 TFUE. Bħala l-ewwel pass, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu valutazzjoni komprensiva ta' eżekuzzjoni baġitarja tas-sena għall-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tiegħu, filwaqt li jiġu kkunsidrati r-riskji finanzjarji b'mod partikolari assoċjati mal-obbligazzjonijiet kontinġenti b'impatti potenzjalment kbar fuq baġits pubbliċi.

(25) Ir-rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li jkunu soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv għandhom jippermettu skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-Kummissjoni, u bħala konsegwenza, l-identifikazzjoni ta' riskji fil-konformità ta' Stat Membru mad-data ta' skadenza li ġiet stabbilita mill-Kunsill biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv tiegħu. Fil-każ li jiġu identifikati tali riskji, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat li tistipula l-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu f' qafas ta' żmien partikolari. Fuq talba, il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rakkomandazzjoni tagħha lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat. Il-konformità mar-rakkomandazzjoni għandha twassal għal korrezzjoni immedjata ta' kwalunkwe żvilupp li jpoġġi fir-riskju l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fil-qafas tal-iskadenza stabbilita.

(26) Il-valutazzjoni tal-konformità ma' din ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għandha tkun parti mill-valutazzjoni kontinwa mill-Kummissjoni tal-azzjoni effettiva biex tikkoreġi defiċit eċċessiv. Meta jiddeċiedi jekk ittieħditx azzjoni effettiva biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv, il-Kunsill għandu wkoll jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq jekk l-Istat Membru kkonformax mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li jikkunsidra b'mod dovut l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

(27) Fil-fatt, ir-Regolament Stabbiltà(KE) Nru 1467/97, li tistipula fid-dettall il-proċedura ta' defiċit eċċessiv abbażi tal-Artikolu 126 TFUE, jistabbilixxi fil-fond elementi ta' flessibilità li jippermettu l-kunsiderazzjoni ta' avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija. L-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedu li jekk tkun ittieħdet azzjoni effettiva f'konformità ma', rispettivament, rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew deċiżjoni li jingħata avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, u jseħħu avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'konsegwenzi maġġuri żvantaġġjużi għall-finanzi tal-gvern wara l-adozzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni jew deċiżjoni li jingħata avviż, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew id-deċiżjoni riveduta li jingħata avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE. Ir-rakkomandazzjoni riveduta jew id-deċiżjoni riveduta li jingħata avviż, li tqis il-fatturi rilevanti msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 tista', b'mod partikolari, testendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'sena bħala regola.

Il-Kunsill għandu jivvaluta l-eżistenza ta' avvenimenti ekonomiċi negattivi imprevisti b'konsegwenzi maġġuri żvantaġġjużi għall-finanzi tal-gvern, kontra t-tbassir ekonomiku fir-rakkomandazzjoni jew id-deċiżjoni li jingħata avviż inizjali tiegħu. Fil-każ ta' tnaqqis gravi fir-ritmu ekonomiku fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni b'mod ġenerali, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew id-deċiżjoni riveduta li jingħata avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, kemm-il darba dak ma jipperikolax is-sostenibilità fiskali għall-perjodu medju. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 jipprevedi li, fl-implimentazzjoni tal-benchmark għall-aġġustament tal-proporzjon tad-dejn, għandha tiġi kkunsidrata l-influwenza taċ-ċiklu fuq il-pass ta' tnaqqis tad-dejn. Għalhekk, Stat Membru ma jitqiesx li jkun kiser il-kriterju dwar id-dejn stipulat fl-Artikolu 126(2)(b) TFUE jekk dak ikun biss minħabba kundizzjonijiet ċikliċi negattivi.

(28) Barra minn hekk, peress li l-miżuri tal-baġit jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw korrezzjoni dejjiema tad-defiċit ekonomiku, l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li huma soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv għandhom jippreżentaw programm ta' sħubija ekonomika u jagħtu dettalji dwar il-miżuri tal-politika u r-riformi strutturali meħtieġa biex tiġi żgurata korrezzjoni effettiva u dejjiema, billi jibnu fuq l-aktar aġġornament reċenti tal-programm ta' riforma nazzjonali tagħhom u l-programm ta' sStabbiltà tagħhom.

(29) Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-governanza ekonomika involva djalogu aktar mill-qrib mal-Parlament Ewropew. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-kontropartijiet tal-Parlament Ewropew fil-qafas tad-djalogu huma l-istituzzjonijiet relevanti tal-Unjoni u r-rappreżentanti tagħhom, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità li jipparteċipa fi skambju ta' opinjonijiet lil Stat Membru li jkun is-suġġett ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jew ta' opinjoni tal-Kunsill f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru f'tali skambju ta' fehmiet hija volontarja.

(30) Sabiex jiġi speċifikat sa fejn għandhom jaslu l-obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri fi proċedura ta' defiċit eċċessiv, is-setgħa sabiex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut u l-ambitu ta' dan ir-rappurtar. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(31) Is-setgħa biex jiġu adottati l-opinjonijiet dwar il-programmi ta' sħubija ekonomika prevista f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kunsill. Dawk l-opinjonijiet huma kumplimentari għall-proċedura ta' defiċit eċċessiv stabbilita skont l-Artikolu 126 TFUE skont liema l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv u dwar il-miżuri meħtieġa biex dan jitwaqqaf.

(32) Filwaqt li fakkru fl-importanza ta' finanzi pubbliċi sodi, fir-riforma strutturali u investiment immirat għal tkabbir sostenibbli, il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-Istat Membri iffirmaw il-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi fid-29 ta' Ġunju 2012, biex jagħtu prova tad-determinazzjoni tagħhom li jistimulaw it-tkabbir li joħloq l-impjiegi parallelament mal-impenn tagħhom favur finanzi pubbliċi sodi. Il-Patt jinkludi, b'mod partikolari miżuri biex tingħata spinta lill-finanzjament tal-ekonomija. Qegħdin jiġu mobilizzati EUR 120 000 miljun (ekwivalenti għal madwar 1 % tad-Dħul Gross Nazzjonali tal-Unjoni) għal miżuri ta' tkabbir li jaġixxu malajr. Kif ġie rakkomandat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir fl-2012 u l-2013, l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex iżommu pass adegwat ta' konsolidament fiskali filwaqt li jippreservaw investiment immirat lejn il-kisba tal-għanijiet ta' Ewropa 2020 għat-tkabbir u l-impjiegi.

(33) Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib l-impatt tal-limitazzjonijiet stretti tal-baġit fuq l-infiq pubbliku li jsaħħaħ it-tkabbir u fuq l-investiment pubbliku. Il-qafas fiskali tal-Unjoni joffri ambitu biex il-ħtiġijiet tal-investiment pubbliku produttiv jiġu bbilanċjati mal-objettivi tad-dixxiplina fiskali: filwaqt li jiġi rispettat bis-sħiħ il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-possibilitajiet offruti mill-qafas fiskali eżistenti tal-Unjoni biex il-ħtiġijiet tal-investiment pubbliku produttiv jiġu bbilanċjati mal-objettivi tad-dixxiplina fiskali jkunu jistgħu jiġu sfruttati fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tirrapporta dwar l-ambitu għal azzjoni potenzjali fi ħdan il-parametri tal-qafas fiskali eżistenti tal-Unjoni.

(34) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-rapport tal-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Grupp tal-euro bit-titolu "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina" u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 bl-isem "Pjan ta' Azzjoni għal-UEM Profonda u Ġenwina" jiddelinjaw, rispettivament, il-fehmiet tal-Parlament Ewropewu tal-Kummissjoni dwar il-passi meħtieġa biex tintlaħaq unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda u integrata aħjar. Wara r-Rapport "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina", il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu f'Diċembru 2012, stipula l-fehmiet tiegħu dwar numru ta' kwistjonijiet bil-ħsieb li jkompli jsaħħaħ l-UEM,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ imsaħħaħ tal-politika baġitarji fiż-żona tal-euro u għall-iżgurar li l-baġits nazzjonali jkunu konsistenti mal-gwida dwar il-politika ekonomika maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza tal-politika ekonomika, billi:

(a) jikkomplimenta s-Semestru Ewropew, kif stabbilit fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97, bi skeda ta' żmien baġitarja komuni;

(b) jikkomplimenta l-proċedura għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, kif ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1176/2011;

(c) jikkomplimenta s-sistema ta' sorveljanza multilaterali tal-politiki baġitarji, kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1466/97, b'rekwiżiti ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-Unjoni fil-qasam baġitarju jiġu integrati adegwatament fil-preparazzjonijiet baġitarji nazzjonali;

(d) jikkomplimenta l-proċedura tal-korrezzjoni tad-deficit eċċessiv ta' Stat Membru, kif stabbilit mill-Artikolu 126 TFUE u r-Regolament (KE) Nru 1467/97, b'monitoraġġ aktar mill-qrib tal-politiki baġitarji tal-Istati Membri taħt proċedura ta' deficit eċċessiv sabiex tiġi żgurata l-korrezzjoni dejjiema u f'waqtha tad-deficit eċċessiv.

(e) jiggarantixxi l-konsistenza bejn il-politiki baġitarji u l-miżuri u r-riformi magħmula fil-kuntest tal-proċedura għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 u, fejn xieraq, fil-kuntest ta' programm ta' sħubija ekonomika kif imsemmi fl-Artikolu 9.

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tosserva bis-sħiħ l-Artikolu 152 TFUE u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-prattika u l-istituzzjonijiet nazzjonali għall-formazzjoni tal-pagi. Skont l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi jew jinforza ftehimiet kollettivi u li jieħu azzjoni kollettiva skont il-liġi u l-prattika nazzjonali.

3. Dan ir-Regolament japplika għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "korpi indipendenti" tfisser korpi li huma strutturalment indipendenti jew korpi mogħnija b'awtonomija funzjonali *vis à vis* l-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru, u li huma bbażati fuq dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jiżguraw livell għoli ta' awtonomija u responsabilità funzjonali, inklużi:

(i) reġim statutorju stabbilit f'liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jorbtu;

(ii) projbizzjoni li jittieħdu struzzjonijiet mill-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru kkonċernat jew minn kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat;

(iii) il-kapaċità li jikkomunikaw pubblikament fil-waqt xieraq;

(iv) proċeduri għan-nomina ta' membri abbażi tal-esperjenza u l-kompetenza tagħhom;

(v) riżorsi adegwati u aċċess xieraq għall-informazzjoni biex jitwettaq il-mandat tagħhom;

(b) "previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti" tfisser previżjonijiet makroekonomiċi magħmula jew approvati minn korpi indipendenti;

(c) "qafas baġitarju ta' terminu medju" tfisser qafas baġitarju fuq terminu ta' żmien medju kif deskritt fil-punt (e) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/85/UE;

(d) "programm ta' stabbiltà" tfisser programm ta' stabbiltà kif deskritt fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

Biex tiġi żgurata konsistenza bejn il-previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom għall-inqas kull sena, jidħlu fi djalogu tekniku dwar is-suppożizzjonijiet fil-bażi tal-preparazzjoni tal-previżjonijiet makroekonomiċi u baġitarji, skont l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2011/85/UE.

2. Għandhom japplikaw ukoll għal dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet tas-"settur amministrazzjoni pubblika" u tas-"sottosetturi tas-settur amministrazzjoni pubblika" stipulati fil-punt 2.70 tal-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([1]).

3. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija bla ħsara għall-Artikolu 9 TFUE.

KAPITOLU II

**KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA EKONOMIKA**

*Artikolu 3*

**Konsistenza mal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika**

Il-proċedura baġitarja tal-Istati Membri għandha tkun konsistenti:

(1) mal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-kuntest taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza, li jinkludi, inter alia, il-gwida ġenerali għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew fil-bidu taċ-ċiklu;

(2) mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

(3) fejn xieraq, mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza, inkluż il-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1176/2011; u

(4) fejn xieraq, mal-opinjonijiet tal-Kunsill dwar programm ta' sħubija ekonomika, kif imsemmi fl-Artikolu 9.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET BAĠITARJI KOMUNI**

*Artikolu 4*

**Skeda ta' żmien baġitarju komuni**

1. L-Istati Membri għandhom, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, jippubblikaw, preferibbilment sal-15 ta' April iżda mhux aktar tard mit-30 ta' April kull sena, il-pjani fiskali nazzjonali ta' terminu medju tagħhom skont il-qafas baġitarju ta' terminu medju. Tali pjani għandhom jinkludu għall-inqas l-informazzjoni kollha li għandha tiġi pprovduta fil-programmi ta' stabbiltà tagħhom u għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-programmi ta' riforma nazzjonali u l-programmi ta' stabbiltà. Tali pjani stabbiltàgħandhom ikunu konsistenti mal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-kuntest taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza, li jinkludi, inter alia, l-gwida ġenerali għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew fil-bidu taċ-ċiklu. huma għandhom ukoll ikunu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u, fejn xieraq, mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest taċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza, inkluż il-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 u mal-opinjonijiet tal-Kunsill dwar il-programmi ta' sħubija ekonomika msemmija fl-Artikolu 9.

Il-pjani fiskali nazzjonali fuq terminu medju u l-programmi nazzjonali ta' riforma għandhom jinkludu indikazzjonijiet dwar kif ir-riformi u l-miżuri stipulati huma mistennija jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri u l-impenji nazzjonali stabbiliti fil-qafas tal-istrateġija tal-Unjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Barra minn hekk, il-pjani fiskali nazzjonali fuq terminu medju jew il-programmi ta' riforma nazzjonali għandhom jinkludu indikazzjonijiet dwar ir-ritorn ekonomiku mistenni fuq proġetti ta' investiment pubbliku, minbarra dawk tad-difiża, li jkollhom impatt baġitarju sinifikanti. Il-pjani fiskali nazzjonali ta' terminu medju u l-programmi ta' stabbiltà jistgħu jkunu l-istess dokument.

2. L-abbozz ta' baġit għas-sena li jmiss għall-gvern ċentrali u l-parametri ewlenin tal-abbozzi ta' baġit għas-sottosetturi l-oħra kollha tal-amministrazzjoni pubblika għandhom jiġu ppubblikati kull sena sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru.

3. Il-baġit għall-gvern ċentrali għandu jiġi adottat jew iffissat u pubblikat kull sena sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru flimkien mal-parametri baġitarji ewlenin aġġornati għas-sottosetturi l-oħra tal-amministrazzjoni pubblika. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri baġitarji riversibbli li għandhom jiġu applikati jekk, għal raġunijiet oġġettivi li ma jaqgħux fil-kontroll tal-gvern, il-baġit ma jiġix adottat jew iffissat u ppubblikat sal-31 ta' Diċembru.

([1]) ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

4. Il-pjani fiskali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi ta' baġit msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu bbażati fuq previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti u għandhom jindikaw jekk il-previżjonijiet baġitarji jkunux saru jew ġewx approvati b'mod indipendenti. Dawk il-previżjonijiet għandhom isiru pubbliċi flimkien mal-pjani fiskali nazzjonali fuq terminu medju u l-abbozzi ta' baġit nazzjonali li huma msjsa fuqhom.

*Artikolu 5*

**Korpi indipendenti u konformità mar-regoli fiskali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ korpi indipendenti għall-monitoraġġ tal-konformità ma':

(a) regoli fiskali numeriċi li jinkorporaw fil-proċessi baġitarji nazzjonali l-objettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1466/97;

(b) regoli fiskali numeriċi msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/85/UE.

2. Dawk il-korpi, meta jkun xieraq, għandhom jipprovdu valutazzjonijiet pubbliċi fir-rigward tar-regoli fiskali nazzjonali, inter alia fir-rigward ta':

(a) l-okkorrenza ta' ċirkustanzi li jwasslu għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni għal każijiet ta' diverġenza sinifikanti osservata mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien jew mit-triq ta' aġġustament lejh skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97;

(b) dwar jekk il-korrezzjoni hijiex qed tipproċedi skont ir-regoli u l-pjani baġitarji;

(c) kwalunkwe okkorrenza jew waqfien taċ-ċirkostanzi msemmijin fl-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 li jistgħu jippermettu diverġenza temporanja mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien jew mill-mogħdija ta' aġġustament lejn dan, kemm-il darba tali diverġenza ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju ta' żmien.

KAPITOLU IV

**MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI TAL-ABBOZZI TAL-PJANI BAĠITARJI TAL-ISTATI MEMBRI**

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti tal-monitoraġġ**

1. L-Istati Membri kull sena għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-euro abbozz ta' pjan baġitarju għas-sena sussegwenti sal-15 ta' Ottubru. Dak l-abbozz ta' pjan baġitarju għandu jkun konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u, fejn applikabbli, mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest taċ-ċiklu ta' sorveljanza annwali inkluża l-proċedura tal-iżbilanċi kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, u mal-opinjonijiet dwar il-programmi ta' sħubija ekonomika imsemmija fl-Artikolu 9.

2. Malli l-abbozzi tal-pjani baġitarji imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni, dawn għabdhom jiġu ppubblikati.

3. L-abbozz tal-pjan baġitarju għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja għas-sena sussegwenti:

(a) il-bilanċ baġitarju mmirat għall-amministrazzjoni pubblika bħala persentaġġ tal-Prodott Domestiku Gross (PDG), iddettaljat skont is-sottosetturi tal-amministrazzjoni pubblika;

(b) il-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki għan-nefqa u d-dħul bħala persentaġġ tal-PDG tal-amministrazzjoni pubblika u l-komponenti ewlenin tagħhom, inkluża l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss;

(c) in-nefqa u d-dħul fil-mira bħala persentaġġ tal-PDG għall-amministrazzjoni pubblika u l-komponenti ewlenin tagħhom, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet u l-kriterji tal-istabbiliment tal-perkors tat-tkabbir fin-nefqa netta minn kwalunkwe miżura diskrezzjonarja fid-dħul skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97;

(d) informazzjoni relevanti dwar in-nefqa skont il-funzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, fost oħrajn dwar l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi, u, meta jkun possibbli, indikazzjonijiet dwar l-impatt distributtiv mistenni tal-miżuri ewlenin tan-nefqa u tad-dħul;

(e) deskrizzjoni u kwantifikazzjoni tal-miżuri tan-nefqa u tad-dħul li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz ta' baġit għas-sena sussegwenti fil-livell ta' kull sottosetturkollha sabiex jixxejjen id-distakk bejn il-miri msemmija fil-punt (c) u l-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki pprovduti skont il-punt (b).

(f) is-suppożizzjonijiet ewlenin tat-tbassir makroekonomiku indipendenti u l-iżviluppi ekonomiċi importanti li jkunu rilevanti għall-kisba tal-miri baġitarji; Il-metodoloġija, il-mudelli ekonomiċi u s-suppożizzjonijiet, kif ukoll kwalunkwe parametru rilevanti ieħor li jsejjes il-previżjonijiet baġitarji għandhom ikunu

(g) anness li jkun fih il-metodoloġija, il-mudelli ekonomiċi u s-suppożizzjonijiet u kwalunkwe parametri oħrajn rilevanti li fuqhom ikunu msejjes it-tbassir baġitarju u impatt stmat tal-miżuri baġitarji aggregati fuq it-tkabbir ekonomiku;

(h) indikazzjonijiet dwar kif ir-riformi u l-miżuri fl-abbozz tal-pjan baġitarju, fosthom, b'mod partikolari, l-investiment pubbliku, jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet eżistenti lill-Istat Membru konċernat skont l-Artikoli 121 u 148 TFUE u huma strumentali għall-ilħuq tal-miri stabbiliti mill-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

Id-deskrizzjoni msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tista' tkun inqas dettaljata għal miżuri b'impatt baġitarju stmat li jkun inqas minn 0,1 % tal-PDG. Għandha tingħata attenzjoni partikolari u espliċita lill-pjani ewlenin ta' riforma ta' politika fiskali b'effetti sekondarji potenzjali għall-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom tkun l-euro;

4. Fejn il-miri baġitarji rrapportati fl-abbozz tal-pjan baġitarju skont il-paragrafu 3 jew il-projezzjonijiet abbażi ta' ebda bdil fil-politiki jkunu differenti minn dawk tal-programm ta' stabbiltà l-aktar reċenti, id-differenzi għandhom ikunu spjegati kif xieraq.

5. L-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut tal-abbozz tal-pjan baġitarju għandhom jiġu stabbiliti f'qafas armonizzat stabbilit mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

*Artikolu 7*

**Valutazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ sat-30 ta' Novembru.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn f'każijiet eċċezzjonali, wara konsultazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat fi żmien ġimgħa mil-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju, il-Kummissjoni tidentifika nonkonformità partikolarment serja mal-obbligi tal-politika baġitarja stabbiliti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kummissjoni għandha tadotta l-opinjoni tagħha fi żmien ġimagħtejn mill-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju. Fl-opinjoni tagħha, l-Kummissjoni għandha titlob li jiġi ppreżentat, malajr kemm jista' jkun jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet ġimgħat mid-data tal-opinjoni tagħha, abbozz ta' pjan baġitarju rivedut. It-talba tal-Kummissjoni għandha tkun motivata u għandha ssir pubblika.

L-Artikolu 6(2), (3) u (4) għandu japplika għall-abbozzi ta' pjani baġitarji riveduti ippreżentati skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni ġdida fuq l-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ sa tliet ġimgħat mill-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan baġitarju rivedut.

3. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha ssir pubblika u għandha tiġi ppreżentata lill-Grupp tal-euro. Fuq talba tal-parlament tal-Istat Membru konċernat jew tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-opinjoni tagħha lill-Parlament li jagħmel it-talba.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha, abbażi tal-prospetti baġitarji nazzjonali u l-interazzjoni tagħhom fiż-żona kollha, filwaqt li toqgħod fuq il-previżjonijiet ekonomiċi l-aktar reċenti tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-valutazzjoni kumplessiva għandha tinkludi analiżijiet tas-sensittività li jipprovdu indikazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi f'każ ta' żviluppi ekonomiċi, finanzjarji jew baġitarji negattivi. Għandha wkoll, kif ikun xieraq, tiddeskrivi miżuri biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika baġitarja u makroekonomika fil-livell taż-żona tal-euro.

Il-valutazzjoni kumplessiva għandha ssir pubblika u għandha titqies fil-gwida ġenerali annwali għall-Istati Membri maħruġa mill-Kummissjoni.

Il-metodoloġija (inklużi l-mudelli) u s-suppożizzjonijiet tal-previżjonijiet ekonomiċi l-aktar reċenti tas-servizzi tal-Kummissjoni għal kull Stat Membru, inklużi l-istimi tal-impatt tal-miżuri baġitarji aggregati fuq it-tkabbir ekonomiku, għandhom jiġu annessi mal-valutazzjoni kumplessiva.

5. Il-Grupp tal-euro għandu jiddiskuti l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjani baġitarji u s-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha abbażi tal-valutazzjoni kumplessiva magħmula mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4. Ir-riżultati ta' dawn id-diskussjonijiet tal-Grupp tal-euro għandhom isiru pubbliċi meta jkun xieraq.

*Artikolu 8*

**Rappurtar dwar il-ħruġ tad-dejn**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapurtaw ex ante u fil-ħin lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Grupp tal-euro, dwar il-pjani tal-ħruġ tad-dejn nazzjonali tagħhom.

2. Il-format u l-kontenut armonizzati tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu stipulati mill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

KAPITOLU V

**ŻGURAR TAL-KORREZZJONI TAD-DEFIĊIT EĊĊESSIV**

*Artikolu 9*

**Programmi ta' sħubija ekonomika**

1. Jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 126(6) TFUE, jiddeċiedi li jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta programm ta' sħubija ekonomika lill-Kummissjoni u lill-Kunsill li jiddeskrivi l-miżuri ta' politika u r-riformi strutturali meħtieġa biex tiġi żgurata korrezzjoni effettiva u dejjiema tad-defiċit eċċessiv, bħala żvilupp tal-programm nazzjonali ta' riforma tiegħu u tal-programm ta' stabbiltà tiegħu u filwaqt li jikkunsidra b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida integrati għall-politiki ekonomiċi u tal-impjieg tal-Istat Membru konċernat.

2. Il-programm ta' sħubija ekonomika għandu jidentifika u jagħżel numru ta' prijoritajiet speċifiċi li għandhom l-għan li jtejbu l-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli fuq perjodu twil ta' żmien u li jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fl-Istat Membru konċernat. Dawk il-prijoritajiet għandhom ikunu konsistenti mal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi. Fejn ikun xieraq għandhom jiġu identifikati riżorsi finanzjarji potenzjali, inklużi linji ta' kreditu tal-Bank ta' Investiment Ewropew u strumenti finanzjarji relevanti oħra kif ikun xieraq.

3. Il-programm ta' sħubija ekonomika għandu jiġi ppreżentat fl-istess ħin li fih jiġi ppreżentat ir-rapport previst fl-Artikolu 3(4a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

4. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta opinjoni dwar il-programm ta' sħubija ekonomika.

5. Pjan ta' azzjoni korrettiva kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jista' jiġi emendatb'konformità mal-Artikolu 9(4) ta' dak ir-Regolament, biex jieħu post il-programm ta' sħubija ekonomika previst f'dan l-Artikolu. F'każ li jiġi ppreżentat tali pjan ta' azzjoni korrettiva wara l-adozzjoni ta' programm ta' sħubija ekonomika, il-miżuri stipulati fil-programm ta' sħubija ekonomika jistgħu, kif ikun xieraq, jiġu inklużi fil-pjan ta' azzjoni korrettiva.

6. L-implimentazzjoni tal-programm, u l-pjani baġitarji annwali konsistenti miegħu, għandhom jiġu mmonitorjati mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti ta' rappurtar għall-Istati Membri taħt proċedura tad-defiċit eċċessiv**

1. Meta l-Kunsill jiddeċiedi skont l-Artikolu 126(6) TFUE li jeżisti defiċit eċċessiv fi Stat Membru, fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru konċernat għandu, fuq talba tal-Kummissjoni, ikun soġġett għal rekwiżiti ta' rappurtar skont il-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu, sakemm tiġi abrogata l-proċedura tad-defiċit eċċessiv.

2. L-Istat Membru għandu jwettaq valutazzjoni komprensiva tal-eżekuzzjoni baġitarja tas-sena kurrenti għall-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tagħha. Ir-riskji finanzjarji assoċjati mad-debiti kontinġenti b'impatti potenzjalment kbar fuq il-baġits pubbliċi, kif imsemmi fl-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2011/85/UE għandhom ukoll ikunu koperti mill-valutazzjoni sal-punt li dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni għandu jkun inkluż fir-rapport ippreżentat skont l-Artikolu 3(4a) jew l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar l-azzjoni meħuda sabiex tikkorreġi d-defiċit eċċessiv.

3. L-Istat Membru għandu jirrapporta regolarment lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, għall-amministrazzjoni pubblika u s-sottosetturi tagħha, l-eżekuzzjoni baġitarja fis-sena kurrenti, l-impatt baġitarju ta' miżuri diskrezzjonarji meħuda kemm fuq in-naħa tan-nefqa kif ukoll fuq in-naħa tad-dħul, il-miri tan-nefqa u d-dħul tal-gvern, u informazzjoni dwar il-miżuri adottati u n-natura ta' dawk maħsuba sabiex jintlaħqu l-miri. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 li jispeċifika l-kontenut tar-rappurtar regolari msemmi f'dan il-paragrafu.

4. Jekk l-Istat Membru konċernat ikun soġġett għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi ppreżentat għall-ewwel darba sitt xhur wara r-rapport previst fl-Artikolu 3(4a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, u wara dan kull 6 xhur.

5. Jekk l-Istat Membru konċernat ikun s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jagħti avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, ir-rapport skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fih informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda b'respons għall-avviż speċifiku tal-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat għall-ewwel darba tliet xhur wara r-rapport previst fl-Artikolu 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, u wara fuq bażi trimestrali.

6. Fuq talba u sal-iskadenza ffissata mill-Kummissjoni, l-Istat Membru fi proċedura ta' defiċit eċċessiv għandu:

(a) iwettaq, u jirrapporta dwar, awditu indipendenti komprensiv tal-kontijiet pubbliċi tas-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika mwettaq preferibbilment b'koordinament mal-istituzzjonijiet supremi nazzjonali tal-awditjar fejn ikun xieraq, bil-għan li jiġu vvalutati l-affidabilità, il-kompletezza u l-akkuratezza ta' dawk il-kontijiet pubbliċi għall-finijiet tal-proċedura tad-defiċit eċċessiv data;

(b) jipprovdi informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-progress lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv.

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data statistika rrapportata mill-Istat Membru konċernat taħt il-punt (a) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal- 25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([1]).

*Artikolu 11*

**L-Istati Membri f'riskju ta' nonkonformità mal-obbligi tagħhom skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv fil-konfront tagħhom**

1. Meta jiġi vvalutat jekk il-konformità mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, kif stabbilita mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew deċiżjoni tal-Kunsill li jagħti avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, tkun mhedda, il-Kummissjoni għandhatibbaża l-valutazzjoni tagħha, inter alia, fuq ir-rapporti pproeżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(3) ta' dan ir-Regolament.

2. F'każ ta' riskji ta' nonkonformità mal-iskadenza biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni għandha tindirizza rakkomandazzjoni lill-Istat Membru konċernat fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri previsti fir-rakkomandazzjoni jew deċiżjoni li jingħata avviż imsemmija fil-paragrafu 1, l-adozzjoni ta' miżuri oħrajn, jew it-tnejn, f'limitu ta' żmien li jkun konsistenti mal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tiegħu. Ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għandha ssir pubblika u għandha tiġi ppreżentata lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Fuq talba tal-Parlament tal-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ir-rakkomandazzjoni lil dak il-parlament.

3. Fiż-żmien stabbilit mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru konċernat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-miżuri adottati b'respons għal dik ir-rakkomandazzjoni flimkien mar-rapporti previsti fl-Artikolu 7(3). Ir-rapport għandu jinkludi l-impatt baġitarju tal-miżuri diskrezzjonarji kollha meħuda, il-miri għan-nefqa u d-dħul tal-gvern, informazzjoni dwar il-miżuri adottati u n-natura ta' dawk maħsuba biex jinkisbu l-miri, kif ukoll informazzjoni dwar azzjonijiet oħra meħuda b'respons għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Ir-rapport għandu jsir pubbliku u għandu jiġi ppreżentat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

4. Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istat Membru jkunx konformi mar-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 12*

**Impatt fuq il-proċedura tad-defiċit eċċessiv**

1. Għandu jitqies il-punt sa fejn l-Istat Membru konċernat ikun ikkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 7(1):

(a) mill-Kummissjoni meta tagħmel rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE u meta tirrakkomanda l-impożizzjoni ta' depożitu bla mgħax skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011;

(b) mill-Kunsill meta jiddeċiedi jekk jeżistix defiċit eċċessiv skont l-Artikolu 126(6) TFUE.

([1]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

2. Il-monitoraġġ stabbilit mill-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-Regolament għandu jkun parti integrali mill-monitoraġġ regolari, kif previst fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 tal-implimentazzjoni tal-azzjoni meħuda mill-Istat Membru konċernat b'respons għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew deċiżjonijiet tal-Kunsill li jagħti avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv.

3. Meta tikkunsidra jekk ittieħditx azzjoni effettiva b'respons għar-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 126(7) TFUE jew għad-deċiżjonijiet li jingħata avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, il-Kummissjoni għandha tqis il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(4) f'dan ir-Regolament u tista' tirrakkomanda, kif xieraq, li l-Kunsill jieħu deċiżjonijiet skont l-Artikolu 126(8) jew l-Artikolu 126(11) TFUE, kif xieraq, filwaqt li tagħti l-kunsiderazzjoni dovuta lill-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

*Artikolu 13*

**Konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 472/2013** [1]

L-Istati Membri soġġetti għal programm ta' aġġustament makroekonomiku ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Artikoli 6 sa 12 ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 14*

**Twettiq tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mit-30 ta' Mejju 2013. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 10(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 15*

**Djalogu Ekonomiku**

1. Biex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u biex jiġu żgurati trasparenza u responsabbiltà akbar, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden, meta jkun xieraq, lill-President tal-Kunsill, il-Kummissjoni, il-President tal-Kunsill Ewropew jew il-President tal-Grupp tal-euro biex jidhru quddiem il-kumitat biex jiddiskutu:

(a) l-ispeċifikazzjoni tal-kontenut tal-abbozz tal-pjan baġitarju kif stabbilit f'qafas armonizzat stabbilit skont l-Artikolu 6(5);

(b) ir-riżultati tad-diskussjoni tal-Grupp tal-euro dwar l-opinjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont l-Artikolu 7(1), sakemm dawn ir-riżultati jkunu saru pubbliċi;

(c) il-valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni baġitarja u tal-prospetti fiż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha, imwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(4);

(d) atti tal-Kunsill msemmija fl-Artikolu 9(4) u fl-Artikolu 12(3).

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 21 ta' Mejju 2013 [dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom fiż-żona tal-euro], (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru kkonċernat li jkun is-suġġett ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(2) jew b'atti tal-Kunsill imsemmija fil-paragrafu (d) li jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet.

3. Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut kif xieraq fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza, is-sjieda u r-responsabilità tad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz tad-djalogu ekonomiku li jsir skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 16*

**Rieżami u rapporti dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament**

1. Sal-14 ta' Diċembru 2014, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, flimkien ma', fejn ikun xieraq, proposta għall-emendar ta' danir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dak ir-rapport.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jevalwa, fost affarijiet oħra:

(a) l-effikaċja ta' dan ir-Regolament;

(b) il-progress fl-iżgurar ta' koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza kontinwa fil-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri skont it-TFUE;

(c) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-kisba tal-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi.

2. Sal-31 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-possibilitajiet offruti mill-qafas fiskali eżistenti tal-Unjoni, biex il-ħtiġijiet tal-investiment pubbliku produttiv jiġu bbilanċjati mal-objettivi tad-dixxiplina fiskali fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li dan jiġi rispettat bis-sħiħ.

*Artikolu 17*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-Istati Membri diġà soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' rappurtar skont l-Artikolu 10 (3), (4) u (5) sal-31 ta' Ottubru 2013.

2. L-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 10(2) għandhom japplikaw għall-Istati Membri li diġà huma soġġetti għal proċedura ta' defiċit eċċessiv fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament biss meta rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE, jew deċiżjoni tal-Kunsill biex tgħati avviż skont l-Artikolu 126(9) TFUE, jittieħdu wara t-30 ta' Mejju 2013.

F'dawn il-każijiet, il-programm ta' sħubija ekonomika għandu jiġi ppreżentat fl-istess waqt li fih jiġi ppreżentat r-rapport skont l-Artikolu 3(4a) jew l-Artikolu 5(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

3. L-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 5 sal-31 ta' Ottubru 2013.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Mejju 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | L. CREIGHTON |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT